MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 39/2004

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Eleno Cassar, iben William,
imwieled Pieta' fit-23 ta'
jannar, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' awissu, 2002 approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuni oħra somma ta' flus li teċċedi l-mittlira maltin (Lm100) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu tal-familja Grima minn Birkirkara liema somma flus ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz li hu offra, jew minħabba depożitu neċessarju,

taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir użu minnhom speċifikat.
Il-Qorti ġiet mitluba biex titratta mal-imputat talli hu reċidiv b'diversi sentenżi
tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' frar, 2006 fejn il-'parte civile' infurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293, 294, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------